MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 1129/1999/1

**Stefan u Klaus ahwa Mifsud,**
**Josephine armla ta' Victor Mifsud,**
**Mark u Marika ahwa Mifsud,**
**Anthony Mifsud f'ismu u bhala mandatarju specjali ta' Mary Rose Hinder,**
**Karla armla ta' Anthony Mifsud**

**v.**

**Perit Arkitett Joseph Grech**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni mressqa fit-18 ta’ Mejju, 1999 quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, l-atturi talbu li l-Qorti ssib li l-assenjazzjoni miftehma bejnhom u l-imharrek fuq il-kuntratt tas-sittax (16) ta’ Gunju, 1986, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tikkostitwixxi obbligazzjoni bla zmien ghall-finijiet tal-artikolu 1077 tal-Kodici Civili, u ghalhekk l-istess imharrek kien moruz billi l-obbligazzjoni messha twettqet minnufih kif irid l-Artikolu 1130(1) tal-istess Kodici; talbu wkoll li ssib li l-imharrek kiser id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 993 tal-Kodici msemmi ghaliex ma mexiex maghhom bil-bona fidi fl-imsemmija obbligazzjoni; talbu li l-Qorti ssib li l-imsemmija obbligazzjoni kienet wahda ta’ sura kummercjali ghall-finijiet 1141 tal-Kodici u ghalhekk tillikwida d-danni li huma garrbu minhabba li l-imharrek naqas li jwettaq dak li ntrabat maghhom li jaghmel, flimkien mal-imghaxijiet fuq l-ammont hekk likwidat; talbu wkoll li l-Qorti tiffissa zmien li fih l-imharrek ghandu jwettaq dak li ntrabat illi jaghmel; u talbu wkoll li l-Qorti tholl il-kuntratt li huma ghamlu mal-imharrek, jekk kemm-il darba dan jonqos li jaghmel dak li l-Qorti tordnalu fiz-zmien moghti;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet imressqa mill-imharrek fit-23 ta’ Frar, 2000, li biha laqa’ ghall-azzjoni attrici billi qal li din tressqet qabel waqtha ghaliex l-obbligazzjoni li huwa ntrabat biha mal-atturi kienet suggetta ghal kundizzjoni sospensiva li ghadha ma sehhitx u dan billi l-atturi naqsu li jassikuraw li mill-fond jitnehhew dawk il-persuni li baqghu jokkupawh. Izid jghid li l-azzjoni hija wkoll wahda irrita ghaliex ma kienx minnu li huwa ntrabat li jittrasferixxi favur l-atturi l-appartament li qeghdin jippretendu ladarba l-kuntratt ma jsemmix li s-sehem ta’ parti minn hamsa ($^1/_5$) mhux maqsuma tal-appartament ma gietx trasferita lilu. Dan minbarra li wiehed ma jistax jitlob, f’azzjoni wahda, it-twettiq ta’ obbligazzjoni bl-ghoti ta’ zmien biex din issir, u fl-istess waqt it-thassir tal-kuntratt li bis-sahha tieghu tintalab l-ezekuzzjoni tal-imsemmija obbligazzjoni;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-8 ta’ Novembru, 2007 bil-mod segwenti:

*“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:*

*“**Tichad l-ewwel talba attrici** billi l-assenjazzjoni kienet suggetta ghal obbligazzjoni li mix-xorta taghha u mill-mod kif kellha tigi esegwita ggib maghha l-htiega taz-zmien;*

*“**Tichad it-tieni talba attrici** billi ma ntweriex li l-imharrek resaq ghall-kuntratt b’mala fidi;*

*“**Tichad it-tielet talba attrici** billi ma tressqu l-ebda provi dwar id-danni allegati mill-atturi u billi fil-kuntratt huma stess kienu irrinunzjaw ghall-imghaxijiet;*

*“**Tichad it-tielet, ir-raba’, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet** tal-imharrek billi ma jirrizultawx misthoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

*“**Tilqa’ r-raba’ talba attrici** u taghti zmien ta’ sena kalendarja mil-lum sabiex l-imharrek iwettaq l-obbligazzjoni maghmula lill-atturi fl-imsemmi kuntratt;*

*“**Tilqa’ l-hames talba attrici** billi tiddikjara li jekk kemm-il darba l-imharrek jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni minnu assunta fiz-zmien hawn fuq imsemmi, il-kuntratti pubblici maghmulin bejn l-atturi u l-imharrek fis-sittax (16) ta’ Gunju, 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin ghandhom jitqiesu mhassra b’effett minn dak inhar;*

*“**Tordna** li l-**ispejjez tal-kawza** jithallsu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-atturi u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-imharrek.”*

Dik il-Qorti ppronunzjat ruhha b’dan il-mod wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“**Ikkunsidrat:**

"Illi din hija azzjoni biex titlob it-twettiq ta' obbligazzjoni mweghda wara li d-debitur tal-istess obbligazzjoni baqa' inadempjenti. L-atturi kienu sidien ta' erbgha minn hamest ($^4/_5$) ishma mhux maqsuma ta' bini f'Tas-Sliema li huma bieghu lill-imharrek ghall-prezz ta' hamest elef lira Maltija (Lm 5,000) ta' kull sehem. Minflok hlas tal-prezz, izda, sar ftehim li l-jedd trasferit lill-imharrek jitqies bhala assenjazzjoni ta' jedd li jissarraf fl-ghoti favur il-bejjiegha (l-atturi) ta' erbgha minn hamest ($^4/_5$) ishma mhux maqsuma minn appartament formanti minn blokka shiha li l-imharrek kellu jibni minflok id-dar li, fil-bicca l-kbira minnha, kienet tal-atturi. Billi l-imharrek naqas li jwettaq dak li ntrabat li jaghmel, l-atturi qeghdin ifittxuh halli ssehh l-assenjazzjoni li saret, u biex ihallashom id-danni talli naqas. Jekk l-imharrek jibqa' ma jwettaqx dak li ntrabat bih, l-atturi qeghdin jitolbu r-rexissjoni tal-kuntratt;

"Illi ghal din l-azzjoni, l-imharrek laqa' billi qieghed jghid li l-azzjoni tressqet qabel zmienha u dan ghaliex l-obbligazzjoni li jsemmu l-atturi kienet tiddependi minn kundizzjoni li sallum ghadha ma sehhitx. Minbarra dan, din il-kundizzjoni kienet tiddependi minn xi haga li riedu jaghmlu l-atturi – jigifieri li jizgumbraw lill-okkupanti mill-post – sabiex imbaghad l-imharrek ikun f'qaghda li jista' jwettaq dak li wieghed. Jikkontesta wkoll il-fatt li, f'nifs wiehed l-atturi jriduh li jwettaq dak li wieghed, u fl-istess nifs jitolbu t-thassir tal-ftehim li bih intrabat maghhom;

"Illi mill-<u>fatti rilevanti li jsawru l-kaz</u> jirrizulta li f'Lulju tal-1960, il-post numru tmintax (18) Triq Ghar il-Lembi, f'Tas-Sliema, nghata b'cens temporanju ghal sbatax-il (17) sena lil wiehed Philip Despott. Dak iz-zmien, id-direttarja kienet Giovanna mart il-Professur Pier Giuseppe Frendo. Din mietet f'Novembru tal-1968, u halliet il-post b'titolu ta' legat lill-atturi, neputijiet taghha. Fis-16 ta' Ottubru, 1974[1], jigifieri madwar tliet snin qabel ghalaq ic-cens, ulied Philip Despott (li sadattant kien miet) krew il-post lil wiehed Austin Agius bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija, izda wahda minn dawn l-ulied, Emilia Despott, baqghet toqghod f'bicca mill-post ukoll, sa ma mietet fil-11 ta'

[1] Dok "A", f'pagg. 10-1 tal-atti tar-Rik. Nru.12A/84 (RRB)

Settembru tal-1997. F'Jannar tal-1984, l-atturi fethu kawza kontra Emilia Despott quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, ghall-finijiet tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta[2];

"Illi sadattant, fit-22 ta' Frar tal-1986[3] l-imharrek kien xtara sehem ta' parti minn hamsa ($^{1}/_{5}$) mhux maqsuma tal-istess post minghand Joseph Mifsud, ziju tal-atturi, ghall-prezz ta' tmint elef lira Maltija (Lm 8,000), li tithallas f'rati ta' mhux anqas minn erba' mitt lira maltija (Lm 400) kull wahda b'effett minn hmistax-il sena mill-att, u bil-patt li jekk ix-xerrej ma jsehhlux jizgombra lill-inkwilini mill-post, ikollu l-jedd jitlob it-thassir tal-kuntratt. L-imharrek kiseb minghand l-atturi jew l-awturi taghhom, id-dirett dominju sas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) ta' erbgha minn hamest ($^{4}/_{5}$) ishma indivizi rimanenti mill-imsemmi post bis-sahha ta' zewg (2) kuntratti fis-16 ta' Gunju tal-1986[4], wara li kien sar konvenju ftit aktar minn sena qabel[5], u wara li kien talab lill-atturi biex jersqu ghall-kuntratt permezz ta' ittra ufficjali[6]. Fil-konvenju, kien hemm klawsola li ient tghid li l-ftehim kien suggett ghall-kundizzjoni rizolutiva li x-xerrej jinghata l-post battal minn kull okkupant fi zmien sena minn dak inhar. Fiz-zewg kuntratti, kien hemm klawsola ta' assenjazzjoni favur l-imharrek, u jsemmu wkoll il-fatt li l-fond li l-ishma minnu kienu qeghdin jinkisbu mill-imharrek kien okkupat minn terzi;

"Illi l-klawsola dwar l-assenjazzjoni kienet tghid li, minflok li l-imharrek kien qieghed ihallas is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm 5,000) ghal kull sehem mill-post, hu kien qieghed jassenja lill-bejjiegha (l-atturi) daqstant sehem indiviz minn appartament fit-tielet sular ta' blokka ta' appartamenti li x-xerrej (l-istess imharrek) kien fi hsiebu jibni fuq is-sit okkupata mid-dar ladarba din titwaqqa'. Fl-imsemmija klawsola jizdied jinghad ukoll li kemm ix-xerrej u kif ukoll il-bejjiegha kellhom il-jedd li jinnegozjaw is-

[2] Rik. Nru. 12A/84 li gie definittivament kancellat fit-30.1.2001 bla ma ngħatat decizjoni fil-mertu.
[3] Dok "JM", f'pagg. 55-7 tal-process
[4] Dokti "SM1" u "SM2" (esebiti wkoll bħala Dokti. "AM2" u "AM3"), f'pagg. 19 sa 25 u 43 sa 49 tal-process
[5] Dok "AM1", f'pagg. 40-1 tal-process
[6] Dok "AM2", f'pag. 42 tal-process

sehem mill-appartament hekk assenjat, b'dan illi jekk kemm-il darba l-prezz li jinkiseb ikun anqas minn hamest elef lira (Lm 5,000) ghal kull sehem, ix-xerrej ikun irid jaghmel tajjeb ghad-differenza;

"Illi wara li saru dawn il-kuntratti, l-partijiet baqghu jippruvaw isibu tarf tal-qaghda li sabu rwiehhom fiha izda baqghu ma waslu ghall-ebda ftehim. Il-post baqa' (u jidher li hekk ghadu sal-lum) okkupat minn Austin Agius u l-familja tieghu, u l-imharrek baqa' ma bediex il-progett tieghu li jwaqqa' l-bini u jtella' binja gdida minflok. Din il-kawza nfethet f'Mejju tal-1999. Matul iz-zmien li kienet miexja din il-kawza, fl-2001, l-imharrek fetah kawza kontra l-imsemmi Agius[7] biex jizgumbrah mill-post;

"Illi l-fattispeci tal-kaz igibu lill-Qorti wicc imb'wicc ma' bosta <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jintrabtu qabel xejn mal-ghamla ta' azzjoni li l-atturi dehrilhom xieraq li jintentaw. Dan jinghad ukoll fid-dawl li l-atturi bdew il-kawza madwar tlettax-il (13) sena wara li kienu lahqu ftehim mal-imharrek. Minn kliem l-istess atturi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom[8], ma jonqosx li huma sabu diffikulta' mhux ckejkna "dwar kif setghu jintavolaw azzjoni li fiha, filwaqt li jigi mitlub dak li huma kienu attwalment ftiehmu mal-konvenut, izommu ferm id-dritt taghhom li jiehdu lura dak minnhom (lilu) mghoddi fl-eventwalita' ta' nuqqas ta' adempjenza da parti tal-konvenut". L-azzjoni attrici mfassla f'dawn it-termini ma naqsitx milli thajjar lill-imharrek jimmira ghadd ta' eccezzjonijiet li jolqtu r-ritwalita' taghha;

"Illi jidher li s-sura ta' azzjoni mressqa mill-atturi kienet determinata wkoll mill-ghamla ta' ftehim li dahlu ghalih l-atturi mal-imharrek. Bazikament, ghandna quddiemna sitwazzjoni fejn l-atturi cedew il-jeddijiet taghhom fuq gid immobbiljari li wirtu bit-tama li dan jissarraf fi dhul ta' somma determinata meta dan l-immobbli jinbena mill-gdid u jinbiegh lil haddiehor. Hemm ukoll il-kwestjoni li dak li jidher li l-partijiet kienu qablu dwaru fl-istadju tal-ftehim

---

[7] Citazz. Nru. 1202/01JA maqtugħa fis-26 ta' April, 2006 u appellata fil-11.5.2006 (mhux appuntata)
[8] F'pag. 114 tal-process

preliminari (il-konvenju ta' Gunju 1985) ma kienx rifless fedelment meta sar il-kuntratt definittiv f'Gunju tal-1986;

"Illi, fil-qofol taghha, l-azzjoni attrici hija mahsuba biex iggieghel lill-imharrek iwettaq ir-rabta li b'kuntratt huwa assuma fil-konfront taghhom. Iridu li dak li weghedhom isehh fi zmien li tiffissalu din il-Qorti. Imbaghad, jekk dak li tordnalu l-Qorti ma jwettqux, iridu li jithassar kull ftehim li sar bejnu u bejnhom u kollox jerga' lura ghal li kien qabel l-1986. F'dan il-waqt jidher xieraq li l-Qorti tindirizza **s-sitt eccezzjoni tal-imharrek**, li tghid li din il-gabra ta' talbiet fl-istess azzjoni hija wahda li twassal biex l-azzjoni kollha tkun insostenibbli;

"Illi l-argument tal-eccezzjoni taht ezami hu li l-atturi ma jistghux jitolbu l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni, imma fl-istess waqt jitolbu t-thassir tal-ftehim li, bis-sahha tieghu dik l-obbligazzjoni taf l-ezistenza taghha. L-atturi jirribattu billi jghidu li l-ghan ewlieni taghhom huwa dak li jaraw li l-obbligazzjoni titwettaq. Izda jekk kemm-il darba dik ir-rabta tibqa' ma ssehhx, it-talba taghhom ghat-thassir tal-ftehim tkun biss il-konsegwenza ta' dak in-nuqqas min-naha tal-imharrek inadempjenti;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghazla maghmula mill-atturi li jitolbu t-twettiq tar-rabta u, fin-nuqqas, il-hall tal-kuntratt m'hijiex wahda inaccettabbli. Il-ligi nnifisha tahseb ghal sitwazzjoni bhal din fl-artikolu 1069(1) tal-Kodici Civili. Minbarra dan, fejn jirrigwarda l-kaz ta' inadempiment kontrattwali, huwa generalment moghti lill-kreditur tal-obbligazzjoni l-jedd li jagixxi l-ewwel ghall-ezekuzzjoni jew twettiq tal-obbligazzjoni u mbaghad, jekk din ma thallix ezitu favorevoli, li jfittex li jikseb il-hall tal-ftehim, jew vici versa[9]. Din l-ghazla tibqa' miftuha sakemm ma jkunx hemm fil-frattemp xi decizjoni dwar xi wahda jew l-ohra mill-azzjonijiet maghzula li tkun ghaddiet f'gudikat. Fil-kaz tal-lum, ma hemm l-ebda decizjoni bejn il-partijiet li tikkostitwixxi gudikat, b'mod li m'hemm l-ebda raguni biex l-azzjoni tal-atturi kif imressqa titqies irritwali jew illegalment sostenibbli;

[9] App. Civ. **19.1.1959** fil-kawza fl-ismijiet ***Scicluna vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.55**)

"Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti ma ssibx li s-sitt eccezzjoni tal-imharrek imissha tintlaqa';

"Illi l-Qorti se' tghaddi issa biex tistharreg in-natura tal-obbligazzjoni li biha l-imharrek intrabat mal-atturi. B'hekk tkun qeghda tindirizza **l-ewwel tliet talbiet tal-atturi** u **r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-imharrek**. Dan kollu qieghed jitqies fl-isfond tal-linja generali li l-garanziji tal-haga mibjugha ghandhom ikunu "espressi" bl-adozzjoni ta' kliem fil-kuntratt li juri bic-car li l-fehma komuni tal-partijiet fuq l-istess kuntratt kienet li dak miftiehem kien patt essenzjali ghall-bejgh u mhux wiehed semplicement incidentali li dwaru x-xerrejja kienu lesti li jassumu r-riskju. U dan ghaliex l-istabilita' tal-kuntratti hija wahda mill-presupposti tal-konvivenza socjali u ghalhekk bl-gharfien moghti mil-ligi li taghraf il-liberta' tal-kuntratti u taghti lill-kontraenti kwalunkwe facilita' biex jaraw l-affarijiet taghhom sewwa qabel jinghaqdu fil-ftehim[10];

"Illi l-obbligazzjoni li hija l-qofol tal-kwestjoni bejn il-partijiet hija dik li l-imharrek intrabat mal-atturi bejjiegha li, bhala korrispettiv tal-assenjazzjoni tal-ishma taghhom lilu mill-post f'Tas-Sliema, huwa kellu jaghtihom sehem daqstant iehor indaqs minn appartament li kellu jinbena gdid mill-istess imharrek. Il-partijiet kienu hallew lil xulxin il-fakulta' li tali appartament jinbiegh, b'dan li jekk il-prezz miksub ikun ta' anqas minn hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm 25,000), ghall-appartament kollu, l-imharrek kellu johrog id-differenza fi flus b'mod li kull sehem ta' kwint ($^1/_5$) ikun gie jmissu hamest elef lira Maltin (Lm 5,000). Mill-bqija, ma kienx miftiehem li x-xerrej ihallas flus, izda ghall-kuntrarju, kien miftiehem li ma kellu jghaddi ebda mghax kontra l-imharrek dwar dan il-bilanc ta' prezz tal-akkwist;

"Illi fiz-zewg kuntratti rilevanti ghall-kaz, kien iddikjarat li l-post li l-imharrek xtara l-ishma minnu minghand l-atturi kien bin-nies fih, u mkien ma kien indikat li kien hemm xi kundizzjoni li l-post kellu jkun battal. Dan johrog bhala li huwa sewwasew il-maqlub ta' dak li l-istess partijiet kienu

---

[10] Ara P.A. **9.2.1965** fil-kawza fl-ismijiet ***Schembri et vs Azzopardi et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.726**)

stipulaw fil-konvenju, fejn kien hemm klawsola (numru erbgha) li tghid li "*the sale is to be made subject to the resolutive condition that the purchaser shall have vacant possession of the house by not later than one year from to-day*". Jidher li, saz-zmien li sar il-kuntratt pubbliku, xi sena wara, dan ma kienx aktar il-hsieb tal-kontraenti, u sahansitra l-imharrek kien interpella ufficjalment lill-atturi biex jersqu ghall-kuntratt minkejja li kien jaf li l-post ma kienx battal;

"Illi allura wiehed irid jara l-obbligazzjoni assunta mill-imharrek li jikkonsenja lill-atturi-bejjiegha sehem indiviz minn appartament gdid li kellu jittella' fil-blokka l-gdida bhala wahda dipendenti fuq il-fatt li l-okkupanti tad-dar il-qadima kellhom ikunu hallew il-post. Sakemm il-post jibqa' bin-nies fih, il-weghda li l-imharrek ghamel lill-atturi-bejiegha ma setghetx issehh, u ghalhekk, daqstant iehor huma ma setghux jiehdu dak li ftehmu ghalih. Din il-grajja, sallum (jigifieri wiehed u ghoxrin sena wara li sar il-kuntratt) ghadha ma sehhitx. Dan ukoll minkejja li l-imharrek innifsu beda proceduri ghat-tnehhija tal-okkupanti fl-2001 u liema tentativ ma kellux l-ezitu li ried l-istess imharrek. Dan ifisser ukoll li l-obblgazzjoni li ntrabat biha l-imharrek favur l-atturi-bejjiegha kienet wahda li, min-naha taghha, kienet suggetta ghal kundizzjoni ohra wkoll (mhux pattwita maghhom imma li dwarha ma setghux ma kinux jafu) li biex il-weghda tinzamm id-dar riedet tkun tbattlet minn min kien jghix fiha. Filwaqt li r-rabta li dahal ghaliha l-imharrek kienet wahda potestativa[11], din kienet suggetta ghall-kundizzjoni mista[12];

"Illi ghalhekk, l-obbligazzjoni li l-imharrek-xerrej kellu mal-atturi-bejjiegha kienet wahda kondizzjonali fis-sens tal-artikolu 1052 tal-Kodici Civili. Izda f'dan il-kaz, il-qaghda kien fiha laqta partikolari ghaliex il-kundizzjoni la kienet tiddependi mill-atturi (billi ma kienu mistennija li jaghmlu xejn aktar wara li bieghu sehemhom lill-imharrek) u lanqas ghal kollox mill-imharrek (li ma setax jghaddi biex iwaqqa'

[11] Art. 1053(2) tal-Kap 16
[12] Art. 1053(3) tal-Kap 16

d-dar il-qadima u jkun jista’ jibni l-blokka l-gdida jekk kemm-il darba fid-dar ikun ghad hemm in-nies);

“Illi ladarba meta sar il-kuntratt ma nghatat l-ebda data ghat-twettiq tal-obbligazzjoni, l-atturi jippretendu li din kellha ssehh minnufih, kif irid l-artikolu 1077 tal-Kodici Civili. L-imsemmija regola m’hijiex wahda assoluta, u l-istess artikolu jaghmilha cara li biex dik ir-regola ssehh ma jridx ikun hemm xi cirkostanza li ggib maghha l-htiega taz-zmien ghat-twettiq taghha u li dak iz-zmien, jekk ikun il-kaz, tistabilih il-Qorti. Dan jghodd ukoll jekk, sadattant, il-kreditur tal-obbligazzjoni jkun qieghed lid-debitur taghha *in mora*[13]. Ghall-applikazzjoni tal-artikolu 1077 il-Qorti ma tistax tipprezumi t-twettiq minnufih tal-obbligazzjoni qabel ma tqis jekk, skont ic-cirkostanzi, il-partijiet kellhomx f’mohhhom zmien jew kundizzjoni li fihom l-obbligazzjoni setghet titwettaq[14];

“Illi f’dan ir-rigward, l-atturi ma jistghux jinjoraw il-principju li kull kundizzjoni ghandha tigi esegwita kif il-partijiet aktarx riedu u fehmu li ghandha tigi esegwita[15], u li meta jkun ghadda ghalxejn zmien ragonevoli li fih l-istess obbligazzjoni messha twettqet ir-rimedju miftuh ghalihom kien li jitolbu li l-Qorti taghti lid-debitur zmien biex iwettaqha[16]. L-iffissar taz-zmien min-naha tal-Qorti f’cirkostanza bhal din tqies li huwa pass indispensabbli li kull kreditur ta’ obbligazzjoni jrid isegwi biex ma jitlifx il-jeddijiet tieghu, u li jekk il-kreditur jonqos li jitlob dan, il-Qorti ma tistax minn rajha tissupplimenta ghal tali nuqqas[17]. Fil-kaz li ghandna quddiemna, l-atturi ghamlu talba specifika (ir-raba’ talba attrici) f’dan is-sens;

“Illi l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li meta z-zewg partijiet dahlu ghall-kuntratt huma kienu jafu li biex l-obligazzjoni li ntrabat biha l-imharrek setghet titwettaq kellu tabilfors jghaddi certu zmien. Dak inhar kien ovvju li l-imharrek ma setax jaqbad u jghaddi l-appartament il-gdid lill-atturi bejjiegha meta dan l-appartament lanqas biss

[13] Kumm. **19.6.1945** fil-kawza fl-ismijiet ***Said vs Buttigieg noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.iii.533**)
[14] P.A. **18.8.1965** fil-kawza fl-ismijiet ***Portelli et vs Tabone noe et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.1034**)
[15] Art. 1057 tal-Kap. 16
[16] P.A. **12.11.1953** fil-kawza fl-ismijiet ***Tanti vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.787**)
[17] P.A. **30.3.1965** fil-kawza fl-ismijiet ***Zammit Tabona et vs Borg*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.834**)

kien ghadu nbena. Il-kliem innifsu tal-kuntratt juza l-frazi "*the third floor flat which purchaser is to build on the site of the said house*". Dan huwa kliem li ma jhallix l-icken dubju li kien qieghed jirreferi ghal grajja li kien ghadha trid issehh f'xi zmien fil-gejjieni;

"Illi l-atturi jghidu li, allura, l-imharrek qarraq bihom u li dahal ghal dak il-kuntratt b'hazen u bi ksur tal-principju li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi[18]. Dan ma jirrizultax, ghaliex l-atturi wkoll kienu jafu li fid-dar il-qadima li minnha assenjaw l-ishma taghhom lill-imharrek kien ghadhom jghixu n-nies u li dawn kienu determinati li hadd ma jnehhihom minnha. Mhux hekk biss, imma fiz-zmien meta kien sar il-konvenju, kienu l-atturi li ntrabtu li l-post kellu jkun battal minn okkupanti, u li sa dak inhar li ntalbu mill-imharrek biex jersqu ghall-kuntratt kienu naqsu li jizgumbrawhom. Min-naha l-ohra, wara li l-imharrek kiseb l-ishma minghand l-atturi, huwa beda proceduri fil-qorti biex johrog lill-okkupanti mill-post izda s'issa r-rizultat ma kisbux. Dan il-fatt, madankollu, juri li l-imharrek ghamel dak li seta' biex jizgura li l-post ikun tbattal halli jkun f'qaghda li jibda jwettaq il-progett mahsub. Il-Qorti ssib li din ic-cirkostanza xxejjen kull akkuza li l-imharrek dahal ghall-kuntratt b'hazen jew b'mala fidi. Minbarra dan, il-bona fidi hija prezunta sakemm min jallega l-mala fidi jippruvaha kif imiss sal-grad probatorju mehtieg. L-atturi ma sehhilhomx jaghmlu dan;

"Illi, min-naha l-ohra, lanqas huwa sewwa li l-imharrek (kif irid bil-hames eccezzjoni tieghu) iwahhal fl-atturi li kienu inadempjenti u li ma wettaqx dak li wieghed minhabba fihom. L-atturi qatt ma ntrabtu mal-imharrek li huma kellhom jifthu xi kawza biex jizgumbraw lill-okkupanti tad-dar: fil-konvenju kulma kien miftiehem kien li l-bejgh kien suggett ghall-kundizzjoni rizolutiva li l-post ikun battal. Kif inghad, din il-qaghda nbidlet ghal kollox sal-waqt li sar il-kuntratt, ghaliex dik il-kundizzjoni tnehhiet u l-imharrek kiseb l-ishma tal-post fl-gharfien shih li dan ma kienx ghadu zgumbrat mill-okkupanti. L-imharrek lanqas ma jista' jinheba wara l-iskuza li l-atturi naqsu li jwasslu fi

[18] Art. 993 tal-Kap 16

tmiemha l-kawza miftuha fil-Bord tal-Kera (sa minn Jannar tal-1984, jigifieri f'data qabel ma kien sar il-konvenju) kontra Emilia Despott, u dan semplicement ghaliex dik il-kawza ma kienet qatt mahsuba ghar-ripreza, izda kienet wahda limitata ghal accertament tal-kera xieraq;

“Illi fid-dawl ta' dan kollu, xorta wahda jibqa' l-fatt li l-imharrek ghandu f'idejh gid li tieghu ma hallas l-ebda sura ta' korrispettiv lill-atturi. Minbarra dan, aktar ma jghaddi z-zmien, dak il-gid izjed se' jkun jiswa (bhalma wkoll aktar se' jitilghu l-ispejjez biex huwa jwettaq il-progett mahsub). Izda l-atturi ma jkunu hadu xejn bi hlas ghall-assenjazzjoni li ghamlu lill-imharrek. Mhux hekk biss, imma rabtu l-valur tal-assenjazzjoni ma' somma li bil-prezzijiet tal-lum saret baxxa wisq, u, biex tkompli tghaqqad, irrinunzjaw ghad-dritt li jiehdu l-imghax fuq il-bilanc tal-prezz li jissarraf fil-valur tal-ishma assenjati minnhom;

“Illi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jwasslu lill-Qorti biex issib li l-ewwel tliet talbiet tal-atturi ma jistghux jintlaqghu, filwaqt li r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-imharrek ma jirrizultawx misthoqqa;

“Illi din hija qaghda li ma tistax tibqa' ttul izjed, u dan filwaqt li ghalissa ma jidher l-ebda xaqq dawl li s-sitwazzjoni tista' tizblokka ruhha. Dan iwassal lill-Qorti biex tistharreg **it-tielet eccezzjoni tal-imharrek** li trid li l-azzjoni attrici tressqet qabel waqtha billi l-bejgh kien suggett ghal kundizzjoni sospensiva li ghadha ma sehhitx. Din l-eccezzjoni ma tidhirx li ghandha mis-sewwa, ghall-anqas ghar-raguni li jsemmi l-imharrek. Fl-ewwel lok, l-imharrek innifsu xehed[19] li fil-kuntratt ma kien hemm l-ebda klawsola sospensiva. Fit-tieni lok, il-fatt li sal-lum ma sehhlux inehhi lin-nies minn gol-post ma jgibx b'daqshekk li l-atturi iridu jibqghu jistennew eternita' sakemm ifittxu ghall-jeddijiet taghhom. Fit-tielet lok, minhabba li l-obbligazzjoni li ntrabat biha l-imharrek ma kellhiex zmien specifiku, ladarba l-atturi interpellawh ufficjalment f'Gunju tal-1997, dan gab l-effett li l-imharrek tqieghed *in mora* bis-sahha ta' dik it-talba gudizzjarja[20];

[19] Fil-kontro-ezami 10.6.2003, f'pag. 102 tal-process
[20] Art. 1130(2) tal-Kap 16

"Illi jifdal li l-Qorti tistharreg **ir-raba' u l-hames talbiet attrici**. Kif inghad, l-atturi qeghdin jghidu li jekk kemm-il darba l-imharrek jonqos li jwettaq ir-rabta tieghu maghhom, allura l-ftehim kollu li sar bejniethom ghandu jithassar u lkoll jitqieghdu fil-pozizzjoni li kienu qabel il-kuntratt. Fil-hames talba taghhom, l-atturi qeghdin jitolbu espressament ir-rexissjoni tal-ftehim. Jista' jkun li huma fil-fatt qeghdin jitolbu r-rizoluzzjoni tal-kuntratti, u dan billi l-azzjoni kollha tinbena fuq l-inadempiment tal-imharrek kif jixhdu bosta mill-premessi li jipprecedu t-talbiet;

"Illi ghalkemm sottili, id-differenza bejn iz-zewg talbiet hija cara fil-ligi: fil-kaz tar-rexissjoni, il-kuntratt ikun jiswa, imma jkun difettuz u ghalhekk jista' jithassar; fil-kaz tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt, dan ikun jiswa minn kollox, ma jkollu l-ebda difett kostitutiv, imma jkun suggett ghat-thassir tieghu minhabba li xi wahda mill-partijiet ma tkunx wettqet ir-rabta taghha taht l-istess kuntratt[21]. Minbarra dan, l-azzjoni ghar-rexissjoni minhabba vizzju tal-kunsens jew minhabba zball sostanzjali dwar il-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (jekk tirrizulta ippruvata) twassal dejjem ghat-thassir minnufih ta' dak kollu li jkun sar qbil dwaru u kollox jitqieghed fl-istat li kien qabel il-kuntratt. Min-naha l-ohra, fl-azzjoni ghar-rizoluzzjoni jew hall tal-kuntratt minhabba nuqqas ta' twettiq, ir-rabta kuntratwali ma tinhallx jekk fiz-zmien li taghti l-Qorti d-debitur jilhaq iwettaq dak li kien naqas li jaghmel f'waqtu[22] u dan b'applikazzjoni tal-*proviso* tal-artikolu 1068 tal-Kodici Civili;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li tordna t-thassir tal-ftehim li sar bejn l-atturi u l-imharrek, u dan jekk xejn, biex twaqqaf il-qaghda ta' inikwita' li l-atturi qeghdin igarrbu minhabba li sal-lum ma rcevew xejn mill-korrispettiv tat-trasferiment jew assenjazzjoni li huma ghamlu favur l-imharrek. Jidhrilha wkoll li jkun xieraq li taghti zmien lill-imharrek biex isib triq kif jista' b'xi mod jipprokura t-twettiq tar-rabtiet tieghu mal-atturi. Dan iz-zmien ma jridx ikun qasir izzejjed tant li jidher fittizju jew mhux prattiku, imma lanqas ma ghandu jithalla jiddependi minn cirkostanzi li

[21] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Vincenza Vassallo vs Edgar Caruana Montalto et***
[22] P.A. **10.6.1965** fil-kawza fl-ismijiet ***Calleja vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.955**)

jtulu jew li m'hemm l-ebda hjiel meta jistghu jsehhu. Il-Qorti thoss li f'dan iz-zmien moderat il-partijiet jistghu jsibu hin u rieda tajba biex jaslu wkoll biex ifasslu mod kif jaghtu hajja lil dak li dwaru ftehmu bejniethom, filwaqt li issa jinsabu t-tnejn ghajnejhom miftuha ghar-rejalta' li harget tant cara f'din il-kawza;

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' r-raba' u l-hames talbiet attrici;"

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-27 ta' Novembru, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghhobha tirriforma s-sentenza imsemmija billi tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba u tirrevokaha fejn laqghet ir-raba' u l-hames talba prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant bl-ispejjez kontra l-appellati.

L-atturi appellati naqsu li jipprezentaw risposta ghar-rikors tal-konvenut ghalkemm id-difensur taghhom ghamel is-sottomissjonijiet tieghu fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2010.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti antecedenti ghall-proceduri odjerni huma ben riportati fis-sentenza appellata u a skans ta' ripetizzjonijiet inutili qed issir referenza ghal dak li jinghad fl-imsemmija sentenza f'dan ir-rigward. Jinghad biss, ghax dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa l-pern tal-kwistjoni, li l-konvenut fis-16 ta' Gunju, 1986 permezz ta' zewg kuntratti, (wiehed redatt bil-lingwa maltija u l-iehor bil-lingwa ingliza) ppubblikati minn Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, (dok SM1 u SM2), kien akkwista minghand l-atturi erba' partijiet minn hamsa tal-fond dar f'Tas-Sliema numru tmintax Triq Ghar il-Lembi <u>kif okkupat minn terzi.</u>

Fost il-pattijiet u kundizzjonijiet konvenuti bejn il-partijiet u li huma ta' rilevanza ghad-determinazzjoni ta' dawn il-proceduri nsibu hekk:

*a)* Fil-kuntratt ta' vendita` minn Victor Mifsud ghall-kwinta parti tal-fond fuq imsemmi l-klawsola indikata bin-numru wiehed (ghalkemm ma hemmx klawsoli ohra li jgibu numru konsekuttiv) insibu li l-vendita` kienet qed issir: *"Bil-prezz ta' hamest elef liri Maltin (LM5,000). Il-kompratur jobbliga ruhu illi jhallas il-prezz lill-venditur li jaccetta billi jassenjalu kwint indiviz mill-flat f'third floor u liema flat ser jifforma parti minn blokk ta' flats illi l-kompratur ser jibni fuq is-sid okkupat mid-dar.*

*"Il-partijiet jaqblu illi kemm il-venditur kif ukoll il-kompratur ikollu dritt jinnegozja l-bejgh tal-flat fit-third floor fuq imsemmi. Izda jekk il-prezz rikavat ikun inqas minn hamest elef liri Maltin (LM5,000) ghall-kwint indiviz il-kompratur ikun obbligat ihallas id-differenza sa hamest elef liri Maltin. Il-kompratur ma jkunx obbligat ihallas imghax."*

Fil-kuntratt li gie pubblikat fl-istess data bhal dak hawn fuq imsemmi li kien jikkoncerna l-akkwist ossia t-trasferiment ta' tlett kwinti indivizi tal-imsemmi fond jinghad hekk bil-lingwa ingliza:

*"1. For the price of fifteen thousand Maltese liri (LM15,000) which price the purchaser binds himself to pay to the Vendors by means of assignment of three fifths of the third floor flat which puchaser is to build on the site of the said house."*

Fil-klawsola numru erbgha (4) tal-istess kuntratt il-partijiet, similment bhal ma kien inghad fil-kuntratt imsemmi precedentement, iggarantew il-prezz minimu ta' kull kwota billi jinghad hekk:

"*4. The parties hereby agree that the above mentioned flat is to be sold and the price apportioned between the vendors according to their shares. Should the flat fetch a price of less than five thousand Maltese liri (LM5,000) per one fifth share, than the purchaser binds himself to pay*

*the difference between the price recovered and the LM5,000 so as to guarantee a minimum price of LM5,000 per one fifth share.*”

Il-klawsola numru hamsa (5) imbaghad tiddisponi li ma jkun dovut ebda imghax.

Minn dak konvenut bejn il-partijiet din il-Qorti tifhem li:-
a) l-atturi kienu qed ibieghu lill-konvenut sehemhom mid-dar in kwistjoni;
b) dan il-bejgh kien qed isir bil-prezz minimu garantit ta’ LM5,000 ghal kull kwota;
c) dan il-prezz ma thallasx fuq il-kuntratt izda kontestwalment il-konvenut assenja lill-vendituri, accettanti, sehem, cioe` kwinta parti kull wiehed u wahda mill-vendituri, minn appartament li kellu jinbena fit-tielet sular formanti parti minn blokk ta’ appartamenti li kellhom jigu kostruwiti minflok id-dar in kwistjoni;
d) li l-prezz tat-trasferiment kellu jigi saldat bir-rikavat, ikun kemm ikun, tal-bejgh tas-sehem fl-appartament meta dan jigi kostruwit u mhux qabel.

Il-fond in vendita` izda kien, kif rajna, okkupat minn terzi persuni u b’dan kienu konsapevoli l-istess atturi li sahansitra ddikjaraw dan il-fatt fil-kuntratti rispettivi. Naturalment bl-okkupazzjoni msemmija tad-dar il-konvenut ma setax jikkostruwixxi il-blokk ta’ appartamenti u tentattivi biex it-terzi jinhargu mill-fond in vendita` naqsu li jkollhom ezitu favorevoli – effettivament gie dikjarat li proceduri istitwiti mill-konvenut ghal dan il-ghan ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti. Il-blokk ghalhekk ma giex kostruwit u l-atturi ghadhom ma rcevew ebda pagament fuq it-trasferiment tal-proprjeta`. Fir-realta` din il-Qorti hija tal-fehma li, l-istampa li tipprezenta ruhha hija s-segwenti: (a) il-konvenut kien tenut biss li jissodisfa l-obbligazzjoni tal-hlas lill-atturi wara l-kostruzzjoni tal-blokk ta’ appartamenti u (b) liema kostruzzjoni kienet tiddipendi minn ezitu ta’ proceduri gudizzjarji kontra terzi ghall-izgumbrament taghhom mill-fond in kwistjoni qabel ma l-konvenut ikun jista` jezegwixxi x-xoghlijiet. Billi t-terz qatt ma hareg mill-fond in kwistjoni l-kostruzzjoni qatt ma saret u l-atturi ghadhom biss jghixu bit-tama.

Rinfaccjati b'din is-sitwazzjoni, tlettax-il sena wara li gew ippubblikati l-kuntratti ta' trasferiment, l-atturi istitwew dawn il-proceduri biex, apparti affarijiet ohra li ma jifformawx mertu ta' dan l-appell, basikament il-konvenut jinghata terminu sabiex jikkostruwixxi l-appartamenti u jonora l-obbligi tieghu mal-atturi billi dawn jippercepixxu l-prezz tat-trasferimenti skont kif jinghad fil-kuntratt tal-vendita`. Talbu wkoll li f'kaz li l-konvenut ma jottemperax ruhu fit-terminu moghti lilu l-kuntratti jigu rexissi.

Kif rajna aktar 'il fuq l-ewwel Qorti wara li cahdet l-ewwel tlett talbiet attrici, laqghet ir-raba' talba attrici u tat zmien ta' sena kalendarja mid-data tas-sentenza sabiex il-konvenut iwettaq l-obbligazzjoni maghmula lill-atturi fl-imsemmija kuntratti; laqghat ukoll il-hames talba attrici billi ddikjarat "*li jekk kemm-il darba l-imharrek jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni minnu assunta fiz-zmien hawn fuq imsemmi,* [cioe` s-sena zmien moghti taht ir-raba' talba] *il-kuntratti pubblici maghmulin bejn l-atturi u l-imharrek fis-sittax (16) ta' Gunju, 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin ghandhom jitqiesu mhassra b'effett minn dak inhar.*"

**Ikkunsidrat:**

Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut appellant l-ewwel nett jirrileva illi

"*huwa imperattiv li wiehed jiddetermina x'inhija n-natura tal-azzjoni attrici u konsegwentement jekk l-atturi fin-nuqqas ta' inadempjenza* [recte: adempjenza?] *tal-obbligi setghux legalment u proceduralment jitolbu lill-Qorti tirrexindi l-kuntratti ta' trasferiment.*"

L-appellant, f'dan il-kuntest josserva li minn qari akkurat tal-kuntratti ta' trasferimenti u senjatament l-klawsoli (1) u (4) jidher car li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-appartament li kellu jigi kostruwit u li diversi ishma tieghu kienu gew assenjati lill-vendituri kellu jinbiegh biex il-vendituri jiehdu sehemhom b'minimu garantit ta' LM5,000 ghal kull $^{1}/_{5}$ parti.

Izid jghid l-appellant li l-vendituri kienu konxji tal-fatt li l-fond mibjugh kien okkupat minn Millie Despott u Austin Agius. Kien ghalhekk li ma gie miftiehem ebda hlas ta' imghax u lanqas ma gie impost ebda terminu ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni billi tali ezekuzzjoni konsistenti fil-kostruzzjoni tal-appartament u l-eventwali bejgh tieghu u spartizzjoni tar-rikavat, kienet tiddipendi fuq il-fatt li l-inkwilini jivvakaw il-fond mibjugh. L-appellant ghalhekk josserva li, f'dawn ic-cirkostanzi, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi kif iddecidiet u cioe` billi tistabilixxi terminu ta' sena' ghal kostruzzjoni tal-appartament u fin-nuqqas tiddikjara l-imsemmija kuntratti jitqiesu mhassra. Izda kellha tissoprassjedi pendenti l-ezitu ta' proceduri istitwiti mill-appellant ghall-izgumbrament ta' Austin Agius mill-fond in kwistjoni u liema proceduri jinsabu pendenti quddiem din il-Qorti.

Illi, fil-verita`, il-proceduri msemmija, Citazzjoni Numru 1202/01, istitwiti mill-konvenut odjern kontra Austin Agius u membri tal-familja Despott gew determinati finalment b'sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru, 2008. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza tas-26 ta' April 2006 kienet cahdet it-talbiet attrici billi ma kinitx sabet il-frodi li tissemma fl-ewwel talba fejn kienet mitluba tiddikjara li l-lokazzjoni li sehhet favur Austin Agius in forza ta' skrittura tas-16 ta' Ottubru, 1974, "*ma hijiex valida skont il-ligi peress li maghmula taht* (sic) *bi frodi tad-drittijiet tal-attur*" u li konsegwentement "*il-konvenut jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu din il-Qorti jizgombra mil-fond numru 18 Ghar il-Lembi Street, Sliema*." Sussegwentement din il-Qorti b'sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2008 cahdet l-appell intavolat mill-Perit Arkitett Joseph Grech u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant. Illum ghalhekk jidher li l-okkupazzjoni tal-fond trasferit lill-konvenut huwa kkonfermat u protett bil-ligi; u konsegwentement il-konvenut ma jista' qatt jezegwixxi l-obbligazzjoni minnu assunta u cioe` li jassenja lill-vendituri erba' kwinti mill-appartament fit-tielet sular tal-blokk ta' appartamenti li kellu jigi kostruwit minflok il-fond mibjugh

hawn fuq imsemmi, billi dan il-blokk ma jistax jinbena stante l-okkupazzjoni tal-fond minn Austin Agius.

Il-konvenut ghalhekk illum u anke ghall-futur, billi s-soprassessjoni mitluba fir-rikors tal-appell llum hija fatt kompjut, ma jistax jadempixxi l-obbligi tieghu skont l-imsemmija kuntratti u billi "*Impossibilium nulla est obligatio*" din il-Qorti ghalhekk tilqa' l-appell tal-konvenut in parte billi tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba izda tirrevokaha fejn laqghet ir-raba' talba stante li l-ghoti ta' terminu ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jaghmilx aktar sens, izda tichad l-appell inkwantu jikkoncerna l-hames talba attrici u tirriforma d-decide tal-hames talba billi tiddikjara l-kuntratti pubblici maghmulin bejn l-atturi u l-konvenut il-Perit Arkitett Joseph Grech fis-16 ta' Gunju, 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin bhala mhassra b'effett immedjat.

L-ispejjez ta' dan l-appell fic-cirkostanzi jkunu a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------